# L-Omiċidji: 2014-2023

NR 143/2024 Data tal-Ħruġ: 2 ta’ Awwissu 2024

*Bejn l-2014 u l-2023, 57 persuna nstabu maqtulin, 38 raġel u 19-il mara.*




Matul l-għaxar snin ta’ riferenza, kienu rreġistrati 51 omiċidju volontarju (każ) mill-Korp tal-Pulizija ta’ Malta. B’kollox, 57 persuna sfaw vittmi ta’ dawn il-ġrajjiet. Żewġ terzi tal-vittmi kienu rġiel (66.7 fil-mija), filwaqt li terz kienu nisa. Matul dan il-perjodu, is-snin li raw l-inqas għadd ta’ omiċidji kienu l-2021 u l-2023 b’żewġ omiċidji jseħħu f’kull waħda minn dawn is-sentejn. B’kuntrast, is-sena li rat l-ogħla inċidenza annwali ta’ omiċidji kienet l-2017 b’disa’ okkorrenzi matul dik is-sena (Tabella nru 1, Ċart nru 1). Huwa importanti li jkun magħruf li t-tagħrif dwar il-vittmi huwa msejjes fuq id-data tal-mewt jew tas-sejba u t-termini ‘omiċidju’ u ‘omiċidju volontarju’ jintużaw b’mod ugwali biex ifissru l-istess.

## Ċart nru 1: L-għadd ta’ omiċidji u l-għadd ta’ vittmi, maqsumin bis-sess: 2014-2023




Notes:

1. Number of homicides refers to events for which the date of the homicide is known and registered with the Malta Police Force.
2. Number of victims is based on the date of death or discovery of body.

L-għadd medju annwali ta’ omiċidji jvarja meta din il-medda ta’ 10 snin tiġi maqsuma f’żewġ perjodi ewlenin: 2014-2018 u 2019-2023. Bejn l-2014 u l-2018, l-għadd medju annwali ta’ omiċidji kien ta’ sitta, filwaqt li matul il-perjodu 2019-2023 l-għadd medju ta’ omiċidji kien ta’ erbgħa fis-sena (Tabella nru 1).

Kważi nofs il-vittmi kellhom bejn il-25 u l-44 sena (49.1 fil-mija), filwaqt li 19.3 fil-mija kellhom bejn il-45 u d-59 sena. Madwar wieħed minn kull ħames vittmi kellhom ’il fuq minn 59 sena. Ħamsa mis-57 vittma, jew 8.8 fil-mija, kienu taħt l-età tal-25 sena (Tabella nru 2, Ċart nru 2).

## Ċart nru 2: It-taqsim tal-vittmi tal-omiċidji volontarji, maqsum bil-gruppi wesgħin tal-età tal-vittma: 2014-2023




Kważi 30 fil-mija tal-vittmi nqatlu fid-distrett tat-Tramuntana tal-Port (29.8 fil-mija), filwaqt li 22.8 fil-mija nqatlu fid-distrett tan-Nofsinhar tal-Port. 17.5 fil-mija u 14.0 fil-mija tal-vittmi nqatlu fid-distrett tat-Tramuntana u fid-distrett tax-Xlokk, rispettivament. 8.8 fil-mija tal-vittmi nqatlu fid-distrett tal-Punent, filwaqt li 7.0 fil-mija nqatlu fid-distrett ta’ Għawdex u Kemmuna. Meta kienu analizzati r-rati ta’ omiċidji bid-distrett ta’ fejn ikunu ġraw, l-ogħla rata dehret fid-distrett tan-Nofsinhar tal-Port b’1.6 għal kull 100,000 ruħ. L-inqas rata ta’ omiċidji dehret fid-distrett tal-Punent b’0.8 omiċidji għal kull 100,000 ruħ (Tabella nru 3, Mapep nri 1 u 2).

## Mappa nru 1. Il-vittmi kollha tal-omiċidji volontarji, maqsumin bid-distrett ta’ fejn ikunu ġraw: 2014-2023




## Mappa nru 2. Ir-rata tal-omiċidji, maqsuma bid-distrett ta’ fejn ikunu ġraw: 2014-2023




Matul iż-żmien ta’ riferenza, żewġ terzi tal-vittmi kienu Maltin, filwaqt li terz kienu ta’ ċittadinanza barranija. Meta din il-medda ta’ 10 snin tiġi maqsuma fiż-żewġ perjodi ewlenin, bejn l-2014 u l-2018, 75.0 fil-mija tal-vittmi kienu Maltin filwaqt li 25.0 fil-mija kienu ta’ ċittadinanza barranija. Din id-distribuzzjoni tinbidel meta titqabbel mal-perjodu 2019-2023, b’56.0 fil-mija tal-vittmi kienu Maltin filwaqt li 44.0 fil-mija kienu ta’ ċittadinanza barranija (Tabella nru 4, Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. It-taqsim tal-vittmi tal-omiċidji volontarji, maqsum biċ-ċittadinanza u ż-żmien ta’ riferenza: 2014-2023




45.6 fil-mija tal-vittmi nqatlu b’armi bħal oġġetti li jaqtgħu, oġġetti spuntati jew oġġett ieħor li jintuża bħala arma, bħal vettura (esklużi armi tan-nar jew splussivi). Aktar minn terz tal-vittmi nqatlu b’arma tan-nar jew splussiv (38.6 fil-mija), filwaqt li 12.3 fil-mija kienu attakkati mingħajr arma jew permezz ta’ mekkaniżmi oħra fosthom tgħalliq, fgar, tagħriq, jew saħħa fiżika bħal attakk sesswali fost tipi oħra ta’ mekkaniżmi. Għal 3.5 fil-mija tal-vittmi, il-mekkaniżmu tal-qtil ma kienx magħruf (Tabella nru 5, Ċart nru 4).

## Ċart nru 4: It-taqsim tal-vittmi tal-omiċidji volontarji, maqsum bil-mekkaniżmu tal-qtil: 2014-2023




Ħarsa lejn il-vittmi tal-omiċidji volontarji matul il-perjodu 2014-2023 turi li 42.1 fil-mija tal-irġiel allegatament inqatlu minn persuna magħrufa mal-vittma, esklużi s-sħab intimi jew il-membri tal-familja. 5.3 fil-mija tal-vittmi rġiel allegatament inqatlu minn sieħeb/sieħba intimu/a jew membru tal-familja, wieħed minn kull ħamest rġiel minn xi ħadd li ma kienx magħruf mal-vittma, u kważi terz minn aggressur/i mhux magħruf/in.

Fl-istess żmien, kważi nofs il-vittmi nisa ta’ omiċidji volontarji (47.4 fil-mija) allegatament inqatlu minn sieħeb/sieħba intimu/a u ftit aktar minn waħda minn kull ħamsa minn membru tal-familja. 10.5 fil-mija allegatament mietu taħt idejn xi ħadd li l-vittma kienet taf, esklużi sħab intimi jew membri tal-familja, u 15.8 fil-mija minn xi ħadd mhux magħruf mal-vittma. Il-persentaġġ ta’ nisa li allegatament inqatlu minn aggressur/i mhux magħruf/in kien ta’ 5.3 fil-mija (Tabella nru 6).

## Ċart nru 5. Ir-rati tal-omiċidji - Medja mobbli ta’ tliet snin: 2014-2023

per 100,000 population




Notes:

1. The wilful homicide rate is calculated based on the 3-year average of the resident population as at 1st January per 100,000 population.
2. The 3-year period moving average is used to smoothen the time series with regards to year-on-year fluctuations due to the observed small counts of the phenomenon.
3. Total homicide rate is calculated using the total number of homicides (events), while homicide rates by sex is calculated using the total number of victims by sex.

Ir-rata totali ta’ omiċidju kienet l-inqas fil-perjodu 2019-2021 b’0.7 omiċidji għal kull 100,000 ruħ, filwaqt li kienet l-ogħla fil-perjodu 2016-2018 b’1.4 omiċidji għal kull 100,000 ruħ. Ir-rata ta’ omiċidju għall-irġiel kienet baxxa l-aktar fil-perjodu 2021-2023 b’vittma waħda għal kull 100,000 raġel fil-popolazzjoni, filwaqt li kienet l-ogħla fl-2016-2018 b’2.1 vittmi. Ir-rata ta’ omiċidju għan-nisa kienet l-inqas fil-perjodi 2019-2021 u 2020-2022 b’rata ta’ 0.5 vittmi għal kull 100,000 mara fil-popolazzjoni. L-ogħla rata ġiet attribwita għall-perjodu 2017-2019 u 2018-2020 b’1.1 vittmi għal kull 100,000 mara fil-popolazzjoni. Ir-rata ta’ omiċidju tinħadem bl-użu ta’ medja ta’ tliet snin biex is-serje kronoloġika ma tkunx effettwata mill-varjazzjonijiet tan-numri żgħar ta’ sena fuq oħra (Tabella nru 7, Ċart nru 5).